Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 259 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Paul Camilleri

Vs

John Bartolo

Illum 14 ta' Mejju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, John Bartolo detenur tal-karta tal-identita Maltija 547150M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-28 ta' Ottubru 2018 ghall habta tal-11:30am gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin f'Rahal il-Gdid, u gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' Rahal il-Gdid:

(1) Attakkajt jew ghamilt resistenza bi vjolenza jew hebbejt ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra WCO 14 Anna Brigniano, CO50 Jeremy Alamango, CO255 Paul Azzopardi u CO31 Patrick Caruana, li huma persuni inkarigati skond il-ligi ghas-servizz pubbliku, filwaqt li kienu inkarigati skond il-ligi mis-servizz pubbliku, filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija lilhom skond il-ligi mill-awtoritajiet kompetenti;

(2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunajt feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' CO31 Patrick Caruana hekk kif iccertifikat minn Dr. Jessica Schembri Higgens MD ID: 6012 tac-centru tas-sahha ta' Rahal l-Gdid;

(3) fl-istess data, hin, lok u circostanzi ghidt fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti li joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

(4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ksirt il-paci pubblika u/jew l-bon ordni b'ghajjat u/jew glied;

(5) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdejtx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallejtx jew fixkilt waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor;

(6) u aktar talli ghamilt reat iehor waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, skond sentenza moghtija lilek mill-Qrati ta' Malta u cioe' mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D, fit-30 ta' Mejju 2018 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta mal-akkuzat bhala ricediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' WCO 14 Anna Brigniano, CO50 Jeremy Alamango, CO255 Paul Azzopardi u CO31 Patrick Caruana u tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-23 ta' Settembru, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 96, 221(3), 222(1)(c), 338(bb), 338(dd), 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lil John Bartolo:

1) Filwaqt li sabet lill-imputat mhux hati tas-sitt imputazzjoni migjuba kontrih u tal-addebitu tar-recediva, konsegwentement illiberatu minn kull htija u piena dwarhom.
2) Sabitu pero' hati ta' l-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tal-hames imputazzjoni migjuba kontrih u konsegwentement ikkundannatu ghal multa komplessiva ta' erbat elef u mitt Euro (€4,100) kif ukoll disa' (9) xhur prigunerija izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali din il-Qorti ordnat li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tmintax (18)-il xahar millum, l-imputat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija. Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-imputat l-import u l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza fi kliem car u ghaddiet biex tikkonferma jekk fehemx l-ispjega tal-Qorti dwarhom.

Inoltre, il-Qorti wara li rat l-artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni kontra l-hati a favur ta' WCO 14 Anna Brigniano, CO 50 Jeremy Alamango, CO 255 Paul Azzopardi u CO 31 Patrick Caruana ghall-perjodu ta' tlett snin millum u ordnat komunika lill-Kumissarju tal-Pulizija ta' din l-Ordni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant John Bartolo, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is- 7 ta' Ottubru 2019 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriformha billi, tikkonfermha fil-parti fejn sabet lil appellant mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrieh u cjoe, fis-sitt imputazzjoni, u, thassarha u tirrevokha fil-parti fejn sabitu hati u cjoe' fl-ewwel sal-hames imputazzjonijiet u kwindi tilliberah skond il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijiet htija u piena, u, minghajr pregudizzju, f'kaz illi dan l-appell ma jintlaqax, alternittivament, tirriformha fil-parti ta` piena nflitta u tinfliggi piena aktar idonea u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant John Bartolo li huma s-segwenti:

Primarjament l-Artikoli 95 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, jikkoncernaw sitwazzjonijiet ferm differenti mis-xenarju ikkagunat bla bzonn fl-incident mertu ta dan l-appell.

L-ewwel nett l-Artikolu 96 jipprovdi illi min jattakka u jirrezisti bi vjolenza ufficcjal/i pubbliku/ci waqt jew minhabba li jkunu ghamlu dmirhom jehlu mhux anqas minn 4000 euro u mhux izjed minn 10,000 euro u, terminu ta prigunerija bejn sitt xhur u sentejn. Jsegwi x ried ifisser il-Legislatur b' ''*attakka u irrezista*''? U dan sabiex jinkwadra ezattament x'gara fil-mertu ta' x sehh fid-divissjoni ta` debitaturi fil-Habs f' Kordin.

Mela missier prigunier, ossia l-appellant, kif ghamel ghal snin shah, mar bl-ikel ghal ibnu, u dan wara li kien informat mill-istess ibnu bil-granet li seta jehodlu likel dik il-gimgha partikolari. Ovvjament kieku kien jaf li *bi zball ta` ufficcjal ma kienx irregistra ghal ikel ibnu dak inhar*, certament ma kienx ser jippreparalu l-ikel u mill-Mosta jsuq lejn Rahal l-Gdid ghal xejn, jew kapriccosament!! Jsegwi illi, meta mar bhas-soltu inhasad meta qalulu li ma setaghx jdahhallu l-ikel, anzi m emminx, u ippruvawlu wkoll jikkomunikaw mal-uffccjal illi jum qabel kien xoghol izda dak inhar ma kienx cjoe, dak l-ufficcjal illi suppost nizzel li kellu jdahhal l-ikel.

Illi hawn si tratta ta` l-element intrinsiku rikjest sabiex wiehed jinstab hati fuq dan l-artikolu u cjoe, l-element ta' volontarjeta sabiex effettivament jattakka jew jirrezisti arresti, jew ufficjjali pubbliku waqt l-qadi tad-doveri tieghu. Cjoe' persuna trid tkun attakkat u rrezistiet bi ksuhat, sfida, determinazzjoni sabiex twaqqa ghac-cajt jew tumilja ufficcjali pubblici, bhal ezempji tanti illi naraw waqt glied jew arresti jew rewwixti li jsiru f'grownd tal-futbol, marci tal-festi, demonstrazzjonijet politici et seq.

Issa jekk nqabblu sitwazzjonijiet bhal dawk imsemmija fejn allura jissustitwixxi l-elementi kollha fl-artikolu 96, mas-sitwazzjoni in ezami, indubbjament wiehed jifhem mal-ewwel illi l-appellant ma sajjarx l-ikel ghal ibnu, saq mill-Mosta ghal Paola, sempliciment sabiex jidhol jattakka u joffendi lil ufficcjali tal-habs!! Lanqas ma kien qed fi stat ta` sokor jew mhux f'sensieh, ANZI, kien biss wara hin twil jistenna risposta li ma wasslet qatt, (mill-ufficcjal li kien suppost nizzlu li jista jdahhal l-ikel), illi inqala l-incident. Ergo, altru milli l-appellant tkessah jew mar sabiex jaqla l-

inkwiet il-Habs. Bhala persuna anzjana, ezattament wara l-arrest tieghu, fejn kaxkruh lejn l-ghassa ta` Rahal l-Gdid, huwa irrilaxxa l-istqarrija veritiera tieghu, fejn bl-iktar mod onest jghid lil ispettur Camilleri: *"Iva, ghax beda jaghmel idejh ma wicci, qisu bhal speci jistiedinni ghal glied, fejn huma kienu ghaxra kontrija bniedem ta kwazi sebghin sena"*.[1]

Jekk naraw kazistika lokali nsibu decizjonijiet mill-Qorti ta` l-Appell fejn f'sitwazzjonijiet quasi simili, il-Qorti marret ghat-tnaqqies drastiku fil-minumu mpost mill-Ligi. Fid-decizjoni tieghu fl-appell, **P vs Ivan Felice** l-Qorti ta` l-Appell irriteniet illi, l-appellant 'irrezista' u 'attakka' ufficcjali tal-pulizija meta kien qieghed f'argument vjolenti gewwa daru ma ibnu stess wara disgwid familjari bejn il-missier u l-iben. Meta l-Pulizija accedew gewwa dar koncernata sabuhom jaghtu bl-idejn u intervjenew u, intlaqtat ufficcjal fl-istess glieda. L-Ewwel Qorti marret taht l minimu applikabbli billi applikat l-Artikolu 21 tal-Kap 9, u, l-Qorti ta' l-Appell innotat dan u ma sanzjonatx l-istess decizjoni u lanqas appella l-AG fl-istess.[2]

Fid-decizjoni appell wkoll, **Il-Pulizija vs Joseph Zahra[3],** [STO Prim Imhallef VDG], il-Qorti faccjata b'akkuzi fuq art. 96 u 95 tal-Kap 9, minn xufier tal-linja illi aggredixxa ufficcjal ta Trasport Pubbliku qalet hekk:

*"Ghalkemm jista jinghad illi Bianco kien inkarigat minn servizz pubbliku, din il-Qorti ma tarax kif jista jinghad li billi jiccekkja l-biljetti, Bianco kien qed ''jezegwixxi ordni moghtiskond il-Ligiminn xi awtorita kompetenti. Mhux kull min qed iwettaq servizz pubbliku qed jezegwixxi l-Ligi jew ordni moghti skond il-Ligi."* [4]

Fl-istess appell msemmi Zahra kien illiberat mill-akkuza li rrezista u attakka ufficjal msemmi, abbazi illi mhux kull ma jaghmlu ufficcjali pubblici huwa ikkunsiderat twettieq ta` ordni legittima jew moghtija skond il-Ligi!

Hawnhekk allura jinkwadra l-incident mertu ta` dan l-appell:

Bartolo ossia l-appellant kien mistenni li jkun sieket, quasi robotiku wara saghtejn jistenna risposta x'sa jaghmel bl-ikel jdahhlu jew jitlaq lura lejn daru? u, meta intqal lilu illi ulied ibnu minuri fil-karozza ser jittiehdu l-Appogg, agenzija ghal tfal

1 Ara fol.2 stqarrija imputat datata 28/10/18.
2 Appell: 39/2002, per VDG, datat 4/6/2002.
3 Appell: 130/2002; per VDG datat 9 ta` Settembru 2002

abbandunati jew bla genituri responsabbli, kien mistenni minn uman normali illi jibqa' fommu mutu jbaxxi rasu u jdabbar rasu lura lejn d-dar? Naturalment kien jaqbel kieku mal-ewwel telaq l-hemm meta qalulu bl-izball ta` fizzjal li ma nizzlux registrawh l-ikel, imma wara kullhad gharef kif jghid il-Malti. Huwa stenna hin twil minhabba illi tawh l-impressjoni li ser jirrangaw u jidhol l-ikel imma mhux hekk gara.

Illi, huwa pertinenti illi qabel trattazzjoni fl-istess appell, jerga jinstema bil-gurament l-ufficcjal prosekutur l-Ispettur Paul Camilleri li investiga u ressaq lil appellant, sabiex il-Qorti seduta stante tismaw jwiegeb ghad-domandi mid-difiza, kif wkoll kontro ezami mill-AG.

L-ispettur Camilleri ha lil tfal minuri tal-appellant lejn darhom l-Mosta u mhux l-Appogg kif heddewh l-ufficcjali tal-Habs.

Illi fic-cikostanzi, multa t` 4000 euro u sentenza sospiza moghtija lil appellant huma drastici immens u dan kif ser jkun trattat waqt dan l-appell.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti huma s-segwenti:

1. L-imputat nhar it- 28 ta' Ottubru 2018 mar fil-Facilita Korretiva ta' Kordin biex jzur lil ibnu prigunier. Huwa mar fis-sezzjoni msejjha tad-'*debituri*' sabiex idahhal ikel ghal ibnu kif kien jaghmel ta' kull gimgha, is-Sibt jew il-Hadd;

2. L-imputat gie infurmat li ibnu ma kienx imnizzel mal-lista ta' nies li dak in-nhar setghu idahlulhom ikel gewwa l-habs u irrizulta li ibnu filfatt ma kienx nghata u lanqas iffirma l-formola mehtiega sabiex familjari idahlu ikel fil-facilita'. Wara li l-imputat mar ghal vista' ma ibnu, huwa rega rritorna lura fis-sezzjoni msejjha tad-'debituri' fejn rega gie infurmat li l-ikel ghal ibnu ma setghax jiddahhal dak in-nhar;

3. L-imputat ma riedx jaccetta li bi zball ta' ufficjal kien ser jehel ibnu u qalilhom li ma kienx ser johrog sakemm ma jidholx l-ikel;

4. Gie allegat li l-imputat beda jsabbat, jidghi u joffendi l-ufficjali tal-habs u kien ghalhekk li kellhom jinghajtu l-ufficjali tal-SRT fejn gie allegat li wara li pruvaw jikkalmawh u pprocedew biex johorguh il-barra mill-binja, l-appellant beda jaghti bis-sieq u kellu anke jigi mmanettjat u jittiehed l-ghassa ta' Rahal Gdid;

5. Kien ghalhekk li nhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat.

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-artikolu 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant jaghmel sottomissjonijiet dwar x'ried ifissr il-legislatur b' "*attakka u irrezista*". Jissottometti li l-appellant missier prigunier kif ghamel ghal snin shah, mar bl-ikel ghal ibnu, u dan wara li kien informat mill-istess ibnu bil-granet li seta jehodlu l-ikel dik il-gimgha partikolari. Jghid li li kieku kien jaf bi zball ta' ufficjali ma kienx irregistra ghal ikel ibnu dak inhar, ma kienx ser jippreparalu l-ikel u mill-Mosta jsuq lejn Rahal il-Gdid ghal xejn. Li inhasad u ma emminx li ma ma setghax idahhallu l-ikel u ippruvawlu wkoll jikkomunikaw mal-ufficjal li jum ta' qabel kien xoghol izda dak inhar ma kienx, u cioe' l-ufficjal li suppost nizzel li kellu jdahhal l-ikel. Jaghmel referenza ghall-element ta' 'volontarjeta' sabiex effettivament jattakka jew jirresisti arresti jew ufficjali pubbliku waqt l-qadi tad-doveri tieghu. Jissottometti li persuna trid tkun attakkat, u rrezistiet bi ksuhat, sfida, determinazzjoni sabiex twaqqa ghac-cajt jew tumilja ufficjali pubblici bhal glied jew arresti jew rewwixti li jsiru f'ground tal-football, marci tal-festi u demonstrazzjonijiet politici. Jissottometti li l-appellant ma sajjarx l-ikel ghal ibnu, saq mill-Mosta ghal Paola, sempliciment sabiex jidhol jattakka u joffendi lil ufficjali tal-habs, u li lanqas kien fi stat ta' sokor jew mhux f'sensieh, li kien wara hin twil jistenna risposta li ma wasslet qatt li nqala l-incident. Huwa ghamel referenza ghal gurisprudenza kemm dwar il-htija u piena taht l-artikolu 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jistaqsi jekk kienx mistenni li jkun sieket, '*quasi robotiku*' wara saghtejn jistenna risposta x'se jaghmel bl-ikel jdahhlu jew jitla lura lejn daru, jaghmel referenza ghal dak li ntqal lilu dwar ulied ibnu li kienu fil-karozza fis-sens li kienet se jittiehdu l-Agenzija Appogg. L-appellant jaghmel ukoll referenza ghall-istqarrija tieghu li jindika li tinsab a fol 2. Din il-Qorti tirrileva izda ma li gietx esebita stqarrija tal-imputat a fol 2, dak li gie esebit huwa rapport tal-Pulizija fejn hemm imnizzla l-verzjoni moghtija mill-imputat. Dan ir-rapport jinsab a fol 46 et sequitur.

Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal provi saljenti li tressqu u dan sabiex jigi stabbilit setghetx l-Ewwel Qorti legalment u ragonevolment issib htija tal-ewwel imputazzjoni. WCO Anna Brignano fis-seduta tat- 28 ta' Novembru, 2018 spjegat li gie f'xi l-ghaxra l-imputat li ssoltu jdahhal ikel izda ma kienx miktub fuq il-lista u qaltlu li ma setghax idahhal ikel dak in-nhar, mar il-vista mat-tifel u gie lura

bejn il-hdax u kwart u hdax u ghoxrin u rega gie biex idahhal l-ikel u qaltu l-istess li ma jistax ghax mhux qieghed miktub fuq il-karta. Spjegat li '*dan irrabja u beda jsabbat fuq il-mejda u qalli, "jekk mhux ħa ddaħħal l-ikel mhux ħa noħroġlok minn hawn," u* ***jkellimni ħażin,***' *Spjegat li* ***'Beda jibagħtni nieħdu****. Imbagħad jiena kien hemm l-uffiċjali l-oħra u wieħed minnhom qallu, "toqgħodx tidgħi hawnhekk!" U dan qallu, "****Tindaħalx għax indaħħallek iċ-ċavetta naqlagħlek għajnejk biha****!" imbagħad kien hemm uffiċjal ieħor, 255, qallu biex joħroġ 'il barra bil-kwiet u qagħdilna f'kantuniera, qalilna, "jiena mhux ħa noħroġ minn hawn." Għidtlu, "ħa nċempel l-SRT," għax jiena mhux ħa niflaħ għal raġel, qalli "Ejjew! Wieħed b'wieħed! Qalli, "ma nibżax minnkom!" Insomma ċempilt għall-assistenza u ġew l-SRT u ħarġuh 'il barra. Kif tellgħuh l-għassa, imbagħad aħna tlajna biex nagħmlu rapport l-għassa, malli rani beda jgħajjarni "****ħadra****!" kien hemm l-ispettur preżenti u mbagħad ħallejna f'idejn il-pulizija.*'

**CO 31 Patrick Caruana** stazzjonat l-SRT, fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li '*daħlet telefonata biex nassitu d-debitur n-naħa tal-ikel fejn hemmhekk inżilna u sibna lil John Bartolo* ***jidgħi, jgħajjat u joffendi lill-uffiċjala WCO 14 Anna Brignano.*** *Aħna bdejna nkellmuh biex nikkalmawh u jikoopera magħna u biex joħroġ 'il barra mid-debituri. Huwa kompla jirrezisti li ma joħroġx, akkompanjajnih sabiex joħroġ 'il barra mid-debituri u Bartolo baqa' jinsisti magħna, tant li* ***anke beda jagħti daqqiet bis-sieq****, li kellna nagħmlulu l-manetti, u anke neskortawh lejn l-għassa Raħal Ġdid. Kif konna l-għassa Bartolo baqa' joffedina u anke allega li hemm uffiċjal li jdaħħal id-droga l-ħabs u Bartolo jaf min hu.*' Spjega li '*mort il-klinika ta' Raħal Ġdid biex nagħmel ċertifikat minħabba daqqiet li kelli f'idejja, kif wasalt, kif lestejt mill-klinika, erġajt inżilt lura l-għassa, hekk kif Bartolo rani, peress li kien bilqiegħda wara l-bank tal-pulizija qam bilwieqfa u qalli dan il-kliem preċiż, Sur Maġistrat, "****Itlaq minn quddiem għajnejja, mur ħudu f'għoxx kemm għandek u nisparalek!" tant li anke għamel mossa b'idejh****..*' Dwar il-mument li kien fejn id-debituri qal li ***'Beda joffri reżistenza li ma jridx joħroġ 'il barra mid-debituri. U joffendina u ma jikkooperax magħna li joħroġ***.' Jimbotta u jissara biex ma johrog, beda jaghti bis-sieq waqt li kien mizmum biex ma jkomplux johorguh il barra. Spjega li '*anke x'ħin ġejna nagħmlulu l-manetti kompla joffri, jagħti bis-sieq.*' Meta mistoqsi mill-Qorti '*f'xi mument imma lilek jew lill-kollega tiegħek, attakkakom? Attakkakom, jiġifieri għamel għalikom waqt li hu kien għadu ħieles, mhux miżmum?*' wiegeb '*Beda jgħajjat u jipprova b'idejh, ma mess lil ħadd jiġifieri.*' Mistoqsi '*Jiġifieri fil-mument li kien għadu mhux miżmum, beda jgħid kliem ta' theddid u kliem*

*inġurjuż u jurik atteġġjament minaġġuż'* wiegeb '*mingħajr ma jmissna.*' Ikkonferma li fil-mument li illokjawh u harguh il-barra beda jissara.

**CO 355 Paul Azzopardi** li xehed fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjega li '*Aħna għidnielu li ma jistax idaħħlu l-ikel, **qabad jgħajjat u jissuppervja** insomma, intefa' f'kantuniera, ma riedx joħroġ minn hemm, għidnielu biex joħroġ bil-kwiet, mar ikellmu CO 50, ħareġ iċ-ċavetta minn ġol-but u beda jgħidlu "inwaħħalhielek f'għajnejk!"* Spjega li ***'Beda jgħidlu, "inwaħħalhielek f'għajnejk**! Nagħmik biha," biċ-ċavetta. Mort għidtlu biex joħroġ bil-kwiet għax kien sar il-ħin ukoll biex jingħalaq għax hemm fil-ħdax u nofs (11:30) jingħalaq, għidtlu, "Oħroġ bil-kwiet," għidtlu, "Taf li mhux miktub," għidtlu, "inutli ħa toqgħod." Beda joffendi lil WCO 14'* Spjega ***'Joffendiha insomma "b'għoxx kemm għandha**," u hekk.* Meta gew l-SRT '*pruvajna noħorġuh bil-kwiet imma hu baqa' hemm jinsisti li jrid idaħħal dan l-ikel. Ġew l-SRT u ħarġuh 'il barra. Baqa' jirreżistihom, immanettjawh u tellgħuh l-għassa ta' Raħal Ġdid.*' Meta gew l-SRT '*Beda **jagħti bis-sieq u bl-idejn** biex ma jagħmlux kuntatt miegħu.*' Beda jaghti bis-sieq u jimbotta. Laqat zgur lil CO 31, SRT u jekk laqghat lil xi hadd iehor ma jafx ghax kien hemm hafna kunfuzjoni. Lil 31 laqtu f'idu b'saqajh.

**CO 50 Jeremy Alamango** li xehed fit- 28 ta' Novembru, 2018 qal li ma jiftakarx id-data bl-amment izda jghid li f'Settembru. Din il-Qorti tinnota li l-incident mertu ta' dan il-kaz sehh fit- 28 ta' Ottubru 2018 mhux f'Settembru kif indikat minn dan ix-xhud. Huwa spjega li '*Insomma beda jsabbat u jgħajjat u ħallejnih hemmhekk u erġajna spjegajnielu u kif dan ra li m'hu qed jiġri xejn għal l-ikel li ħa jidħol, qabad jgħajjat u jidgħi. Dak il-ħin, għidtlu, "isma", jekk se toqgħod tgħajjat u tidgħi, oħroġ 'il barra! Hawnhekk mhux għad-dagħa qiegħed!" U ippuntajt subgħajja lejh. Qalli, "tippuntax subgħajk lejja!" ġie jiġri biċ-ċavetta f'idu tal-karozza, qalli, "għax indaħħalhielek f'għajnejk!" Dak il-ħin biex ma jiġri xejn ersaqt iktar lejh jiena ħalli jekk jipprova jdaħħalhielix għall-inqas ma jdaħħalhilix f'għajnejja. Jekk m'inhix sejjer żball dak il-ħin it-255 CO, ġibdu u qallu, "isma', l-affarijiet mhux hekk!" U kompla jidgħi u jgħajjat u jsabbat.*' Mistoqsi x'semgha jghid qal '*Ħafna dagħa* u "*jiena mhux ħa nitlaq!*" u jsabbat. U jsabbat b'idejh ċatta' fuq il-bank fejn jaghmlu l-ikel. Spjega li '*WCO 14 qaltlu li ħa iċċempel l-SRT għax l-affarijiet ma kienux se jinbidlu u dak il-ħin kif qaltlu hekk, qallha "tista ġġibhom l-SRT, jiġu wieħed wieħed, kollha niġġildilhom!" Wara ftit ġew l-SRT biex jikkalmawh. Ma ried jafx b'xejn dan biex jikkalma, kompla jgħajjat u qabad jagħti bis-sieq u l-SRT qabduh u tefgħuh 'il barra.*'

Mistoqsi biex jaghti bis-sieq bhal Bruce Lee, jixxutja ballun wiegeb '*Le, dak il-ħin kien hemm naqra ta' konfużjoni għax l-SRT daruh u hu kif ra hekk beda jaqbad saqajh 'il hawn, beda jgħolli saqajh u jagħti kif ġie ġie, fejn laqat laqat. Huma qabduh, għollewh, għax ma riedx jiċċaqlaq u tefgħuh 'il barra. U hemmhekk xota kompla, ma ikkalmax. Kellhom jimmanettjawh u ħaduh l-għassa. Kif ħaduh l-għassa mbagħad aħna tlajna biex nagħmlu r-rapport u f'ħin minnhom żgur bejn qabel tela' l-għassa u hekk naf li offenda lil WCO 14*'. Qalilha '"***Żopp f'għoxx kemm għandha! imbagħad erġajna tlajna fuq biex nagħmlu r-rapport u hemmhekk naf li kif daħlet beda jgħidilha "Ħadra! Ħadra! Ħadra! Int ħadra!"'***

Fir-rapport tal-Pulizija li jinsab a fol 46 et sequitur tal-atti processwali gie rraportat fost affarijiet ohra li **Co 50 Jeremy Azzoparid** '*qal lil John sabiex ma jsabbatx, fejn John irrispondieh bil kliem "Tippuntax subajk lejja ghax indahhallek ic-cavetta tal-Karozza f'ghajnejk, "f'dan il-Hin CO255, Paul Azzopardi (...) qallhu sabiex johrog bil-kwiet, izda John offendieh b'kemm ghandu. Wco 14 cemplet ghall assisenza minghand l-S.R.T, u john qallha li huwa alazobbu mill-S.R.T, u li jistghu jigu kollha ghalih wiehed, wiehed.*'

Hemm imnizzel ukoll li '*CO26, Roderick spjega li kif l-ufficjali tal-S.R.T, bdew jzommu lil John, dan beda jghati bis-sieq u Roderick ra li kien laqat lil CO255 Paul Azzopardi. Minn naha taghhom CO 29, David Spagnol .. u CO 154 Christopher Farrugia.. ikkonfermaw li kienu prezenti gewwa id-debituri, u huma xhieda ta kollox.*' Tnizzel ukoll li gie mitkellem il-**Gwardjan Patrick Caruana** '*fejn stqarr li illum gie msejjah sabiex jikkalma is-sitwazzjoni msemmija gewwa id-debituri, fejn mal-wasla dan zamm il-John Bartolo, sabiex itellghu l-ghassa u qal li Bartolo kien weggu u gheddhu li jisparalu.*'

Fl-istess rapport hemm imnizzel li '*John Bartolo gie mitkellem mill-pulizija fejn stqarr li aktar kmieni illum ghall habta ta 10:00 kien mar gewwa d-debituri, fejn il-gwardjani li kienu On-Duty dak il-hin irrifjutaw li jaccettaw l-ikel ghall ibnu, u wara mar jaghmel Vista lil Ibnu, Brian. John kompla jispjega li waqt il-visit Brian qallhu li huwa kien innotifika gwardjan sabiex innizlu fil-formola tal-ikel, u igibilhu sabiex jiffirmaha, skond il-procedura tal-facilita, izda dan il-gwardjan naqas milli nizlu fil formola.*

*John sahaq li ibnu Brian Beda jistaqsi ghall istess Gwardjan, filwaqt li John mar lura id-debituri fejn spjegalhom li mhux sew li habba zball t'ufficjal, ghandhu jehel ibnu, u qal lil ufficjali tad-debituri sabiex jghamlu kuntatt ma dan l-ufficjal partikolari, izda nzerta ma rrispondihomx minhabba li kien off duty dakinhar. John zied jghid li wco14 qaltlu li l-Facilita,*

*ghadhom l-ikel taghhom apparti, huwa nharaq malli semgha dan, u sabbat idejh fuq l-iscrivanija, fejn il-gwardjani qalulhu sabiex johrog il-barra bil-kwiet.*

*John ikkonkluda li huwa kien agitat u nharaq izjed u kif kellmu ufficjal u kif ipponta lejh ufficjal dna qallhu sabiex ma jippontax lejh ghax idahhallu ic-cavetta tal-karozza f'ghajnejh.'*

L-**imputat John Bartolo** ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat- 3 ta' April 2019 fejn spjega li kien jiehu ikel lil ibnu li jinsab fil-facilita' korrettiva ta' kordin kull nhar ta' Sibt jew kull nhar ta' Hadd. Ibnu kien tah risposta biex jiehodlu l-ikel bhal ma ghamel dan l-erba' snin li ilu hemm, is-Sibt jew il-Hadd. Spjega li *'kif dħalt bl-ikel u bit-tfal kien hemm wieħed mill-uffiċjali qallha "Miss Anna, dan mhux miktub." Għedtilha, "Ok." Qaltli "Dan ma jidħolx." Mort inkompli nagħmel il-vista jiena mat-tifel u ż-żewġt itfal tiegħu u kif ġie għedtlu "Brian, x'inqala'?' Qalli "L-uffiċjal ma kitibnix." ghedtlu "Għax l-ikel ma daħallekx. X'inqala'?' Qalli li l-uffiċjal ma kitbux." Għedtlu "Imma nqala' xi ħaġa?" u hu qal li le. In fatti konna qed nagħmlu l-vista mar ġewwa biex jara jekk hux qiegħed hemmhekk l-uffiċjal pero' kien hemm min qallu li dakinhar qiegħed off u x'ħin ġie qalli "Pa, l-uffiċjal mhux qiegħed hawn. Qiegħed off."* Spjega li *'x'ħin spiċċajt il-vista ġie l-uffiċjal u qalilna li sar il-ħin u qalli "Tista' tmur in-naħa l-oħra fejn jidħol l-ikel għax qed jippruvaw jaqbduh." Għedtlu "Ok."' Spjega li 'Mort hemmhekk u għedtilhom "Erġajt ġejt hawnhekk għax bagħatuni min-naħa l-oħra li intom qed tippruvaw taqbdu lill-uffiċjal biex naraw minn min hu ġej, hux mit-tifel jew inkella mill-uffiċjal " Wara xi erba' minuti qabżet Miss Anna u qallti "Isma bartolo jekk żbalja l-uffiċjal, żbalja t-tifel tiegħek ukoll għax ma ffirmax." Hemmhekk ħarqitni lili. Dak il-ħin għedtilha, "F'kemm għandek! Jekk hu ma kitbux kif tridu jiffirmah it-tifel" Qaltli "Tista' titlaq 'il barra minn hawnhekk." Irrabjajt jien u għamilt waħda hekk fuq il-dan u għedtilha "Mhux se nitlaq' il barra qabel ma taqbdu lill-uffiċjal."* Qaltli *"Le mhux se tmur barra?" Għedtilha, "Le." F'daqqa waħda daħlet ġewwa u ħarġu għaxra għalija. Għaxar uffiċjali tal-SRT. Wieħed min fuq wara jafni bil-kunfidenza għax ġieli ġie għandi mat-tifel biex jara lil ommu u qalli "Uwejja Bartolo." Offendieni "Itlaq 'il barra." Tatu daqqa fuq dahru Miss Anna u daħlitu l' ġewwa u baqgħu erbgħa miegħi. L-ewwel wieħed li resaq quddiemi b'idejh hekk u se jagħmel hekk m'għonqi. Qalli "Ara ma tgħajjatx." Għedtlu "Ara ma tmiss idejk ma' wiċċi għax għandi ċ-ċavetta ġ'idejja u ndaħħalhielek f'għajnek." Dak il-ħin rwewli idejja, għad għandi idejja juġgħuni bl-għafis u bil-ħatfa li ħatfuni biex jagħmluli l-manetti fuq wara għax li kieku talbuhomli kont nagħmilhom bil-kwiet. Jien ippruvajt anke nidħol ġol-uffiċċju nitkellmu biex nirraġunaw il-biċċa tax-xogħol qalli "M'għandix x'naqsam jien. Dik inkarigata aktar minni." Huma ssaraw*

*miegħi biex għamluli l-manetti, qabduni minn idejja, bdew jippruaw joħorġuni 'l barra, l-għassa ta' Raħal Ġdid kważi mnežża mort bil-ġbid li bdew jiġbdnu. Jien xtaqt noħroġ dak il-ħin minhabba li kelli t-tfal fil-karozza u kienu se jaraw kollox. Tifla ta' sitt snin u tifel ta' tliet snin u nofs.'* Spjega li kaxkruh ghall-ghassa u rawh it-tfal, spjega li '*Għedtu "Hemm it-tfal fil-karozza." Qalli "Tibżax. Ma jimpurtax. Issa noħduhom l-Appoġġ.' Għedtlu "Le dawk it-tfal miegħi qegħdin. ma teħodhomx l-Appoġġ."* Spjega li l-Ispettur Camilleri wassal it-tfal id-dar.

Quddiem l-Ewwel Qorti gew ipprezentati zewg certifikati medici, u cioe' wiehed rigwardanti Patrick Caruana u iehor rigwardanti l-imputat. Xehdu wkoll t-tobba li rrilaxxaw dawn ic-certifikati.

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti sabet htija tal-ewwel imputazzjoni taht l-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-ewwel lok, din l-imputazzjoni taqra:

*'Attakkajt jew ghamilt resistenza bi vjolena jew hebbejt, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra WCO 14 Anna Brigniano, CO50 Jeremy Alamango, CO255 Paul Azzopardi u CO 31 Patrick Cruana li huma persuni inkarigati skont il-ligi ghas-servizz pubbliku, filwaqt li kienu inkarigati skont il-ligi mis-servizz pubbliku, filwaqt li kienu qegħdin jagxxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija lilhom skond il-ligi mill-awtoritajiet kompetenti;'*

L-**artikolu 96** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*'Kull min jattakka jew jagħmel **reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb**, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn **servizz pubbliku**, **fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti**, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elefeuro (4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (10,000);*

*(b) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn tlieta min-nies jew aktar, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhursa tliet snin u għal multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (5,000) u*

*mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro(15,000).*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Fis-sentenza deciza minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Johann J. Fenech Vs Daniel Mizzi'**[5] gie kkunsidrat li:

*'Fit-tieni lok ir-reat l-akkuzat appellant gie akkuzat bir-reat ta' resistenza jew attak fuq ufficcjal pubbliku skond l-artikolu 96 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Dan ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti ssostni li huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita` li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku, hija necessarja. Altrimenti l-element formali ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat ikun nieqes.*

*Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew ir-resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita` kompetenti.*

*Il-Professur Mamo jkompli jghid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

*U kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet* **Il-Pulizija vs Stephen Borg**[6]*:*

*"Biex jissusisti r-reat irid ikun hemm bhala minimu xi forza llegittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza llegittima tigi ezercitata, irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita` li jikkaguna hsara lill- persuna tal-Ufficjal Pubbliku, zghira kemm hija zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi effettivament ikkagunata u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara. Biex ikun hemm dan ir-reat, l-agent irid ikun mhux biss attakka 'il fatto di prendere l'offensiva' jew irrezista 'il fatto di prendere la difensiva' lill-Ufficjal Pubbliku, izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Gunju, 2019 (Appell numru: 80/2019)
[6] Mmoghtija fis-26 ta' Jannar 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnax (12) fis-sentenza citata.)

*permezz ta' vjolenza jew b'hebb."*

*L-artikolu 96 jirrikjedi li l-attakk jew ir-resistenza jkun "bi vjolenza jew b'hebb". Hija din l-espressjoni li tat lok ghal mhux ftit diskussjoni kemm fil-gurisprudenza kif ukoll fost il-guristi. Mill-gurisprudenza nostrana kif ukoll mid-dottrina din il-Qorti tikkonkludi li sabiex jissussisti r-reat kontemplat fl-artikolu 96 irid ikun hemm kif gie deciz fis- sentenza fl-ismijiet* **Il-Pulizija vs Stephen Borg** [7] *fuq citata:*

*"fost affarijiet ohra u bhala minimu xi forma ta' forza illeggittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza illegittima tigi ezercitata irid ikun tali li jkun tendenti ossia li jkollu l-potenzjalita li jikkaguna xi hsara lill- persuna ta' l-ufficjal pubbliku, zghira kemm hi zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi effettivament ikkagunata u anke jekk l-agent ma jkollu l-ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara; Hekk per ezempju, ikun il-kaz ta' min semplicement jimbotta b'mod goff jew ostili lill-ufficjal pubbliku li jkun intimalu li ser jarrestah jew ta' min jibda jithabat meta jkun fl-idejn l-ufficjal pubbliku proprju biex jehles minn idejh".*

*Ghalhekk, biex il-Qorti tikkonkludi fuq dan ir-reat mhux bizzejjed li l-agent ikun attakka ("il fatto di prendere l-offensiva") jew irresista ("il fatto di prendere la difensiva") lill-ufficjal pubbliku izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb. Ili fil-kaz in desamina ma jirrizultax li f'xi hin l- appellant attakka jew hebb ghal xi ufficcjal tal-pulizija. Ma jidhirx li kienhemm xi kuntatt fiziku bejn l-appellant u l-pulizija. Jidher biss li kien hemm kiem mhux xierqa proliferati fil-konfront tal-pulizija waqt il-qadi ta' dmirijethom liema agir jaqa' taht l- artikolu 95 u ghalhekk minn dan ir-reat il-Qorti ser tilliberah.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Jonathan Ransley Vs Sean Sinclair Pace'**[8] gie kkunsidrat li:

*'L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:*

*1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita*

[7] Op cit (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata 13 tas-sentenza appellata.)

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Mejju, 2016 (Appell numru: 519/2015)

*taht din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith."*

*Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.*

*2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".*

*3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal- ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

*Fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:*

*"Dana l-artikolu (b'referenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall- ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

*Illi l-Qorti qed tossottolinja din l-ahhar parti ta' dan it-taghlim gurisprudenzjali billi huwa hawnhekk illi l-appellanti qieghed iressaq il- kontestazzjoni tieghu. Dan ghaliex fil-fehma tieghu f'dan l-incident li sehh gewwa l-isptar Mater Dei, meta l-pulizija Cilia resaq lejh biex izommu meta huwa kien fi stat ta' agitazzjoni u qieghed jirribella ghad-decizjoni tat-tobba illi jintbaghat l-isptar Monte Carmeli, dan il-pulizija ma kienx qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew jezegwixxi xi ordni moghtija skont il-ligi, billi ma kienx qieghed jipprocedi ghall-arrest tieghu, izda kien qieghed biss jipprova jikkalmah u irazznu.*

*Issa l-Ewwel Qorti sabet ir-reita' fl-appellanti ghal dina l-akkuza billi dehrilha illi l-ufficjal*

*tal-pulizija fid-Dipartiment ta'l-Emergenza kien qieghed hemmhekk prezenti ghaz-zamma tal-buon ordni. Illi allura fil-mument illi huwa indahal sabiex irazzan lill-appellanti milli ikompli ihebb ghat-tabib li kien qed jezaminah, tishaq l-Ewwel Qorti, huwa kien necessarjament qieghed jezegwixxi dak li tghidlu l-ligi u dak li kien fid-dmir li jaghmel u cioe' li izomm il-bon ordni ghalkemm sa dak il-mument ma kienx qieghed jipprocedi ghall-arrest ta'l-appellanti. Izda imbaghad stranament l-Ewwel Qorti tghaddi biex ticita gurisprudenza fejn hemm indikat xort'ohra minn dak affermat minnha meta issir referenza ghad-decizjoni moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta mill-Prim'Imhallef Emeritus Vincent DeGaetano fid-decizjoni Il-Pulizija vs Lawrence Attard deciza fit-12 ta' Settembru 1996 fejn inghad:*

*"Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa ikun certament qieghed jezegwixxi il-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi 'ghall-esekuzzjoni tal-ligi' fis- sens ta'l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta'l-artikolu 95."*

*Issa il-fattispecje ta' dina id-decizjoni iccitata huma simili hafna ghal dawk taht il-lenti ta' din il-Qorti f'dan l-appell. L-PC488 Emanuel Cilia ighid hekk dwar dak li sehh:*

*"Meta jiena mort biex niftah il-purtiera ghax smajt l-istorbju sibt lill-imputat .... u dan ghaliex xtaq johrog mill-cubicle peress li t-tabib u l-psikjatra rieduh imur l-isptar Monte Carmeli. Illi effettivament dak il-hin Sean kien bil-wieqfa b'basket, it-tabib Dr. Mark Attard Biancardi ipprova jzommu b'id wahda. Nghid li dak il-hin Sean xejjer idejh biex qala' idejh minn idejn it-tabib. Dhalt jien zammejt lil Sean minn wara u ghidtlu 'mhux hekk habib' u meta l-imputat dar lura u induna li jiena pulizija dar u beda jaghtini bil-ponn mill-ewwel. Ha il-posizzjoni tal-boxing, tani daqqa go rasi, ippruvajt nilqa' d-daqqiet. ... Jiena bdejt nersaq lura ghax kelli spazju fejn nersaq lura, uzajt ftit forza minima biex imbuttajtu fil-genb u ersaqt lura. ..."*

*Illi mid-deskrizzjoni ta' dan ix-xenarju kif imfisser mill-kuntistabbli stess, ghalkemm l-imsemmi ufficjal kien qieghed jaqdi d-dmir tieghu billi jipprova izomm il-bon ordni meta sofra dina l-offiza fuq il-persuna tieghu u spicca mhedded, madanakollu ma jistax jinghad illi huwa f'dan il-hin qasir kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' xi ordni*

*moghtija skont il-ligi minn xi awtorita'. Fl-ebda hin f'dawn l-ghaxar sekondi li kien quddiem l-appellanti (kif ighid hu stess fix-xhieda tieghu) ma jidher illi huwa kien ser jipprocedi ghall-arrest tieghu.*

*Lanqas ma jista jinghad li jissussisti dan ir-reat iktar tard u cioe' l-ghada fil- ghodu filwaqt li kien jinstab arrestat gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas- Sliema, billi ma jidhirx illi f'dan it-tieni incident huwa hebb ghas-surgent Christopher Ellul li kien qieghed ghassa mieghu, jew inkella li uza xi vjolenza fil-konfront tieghu, billi s-surgent ighid illi l-appellanti qal biss xi kliem ingurjuz fil-konfront tieghu.*

*Kwindi l-appellanti ghandu ragun fl-ilment minnu imressqa billi huwa ghandu jinstab hati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 95, izda mhux ukoll dak indikat fl-artikolu 96 billi wiehed mill-elementi necessarji sabiex tinstab htija ghal dan ir-reat huwa nieqes.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs. Giuseppe Xuereb'**[9] gie kkunsidrat:

*'Illi f'din l-imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat konness mal-vjolenza kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu 96 ghandu wkoll bhala vittma, bhal Artikolu 95, l-ufficjal pubbliku pero jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat:*

*1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith". Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.*

*2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid*

[9] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-24 ta' Settembru, 2013 (Numru: 54/2012)

*testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-mens rea ghall-kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.*

*3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

*Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-Pulizija vs. Joseph Zahra deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:*

*"Dana l-artikolu (b'riferenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l- espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is- servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz"".*

*Illi mill-provi jirrizulta li l-imputat ghamel resistenza meta gie biex jigi arrestat. Ma jirrizultax li l-imputat kien disubbidjenti biss ghall-ordnijiet moghtija lilu mill-Pulizija. M'hemmx dubju li l-imputat uza l-forza meta kien qed jigi arrestat u pprova jirrezisti l-arrest da parte tal-Ufficjali tal- Pulizija.'*

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Joseph Zahra'</u>**[10] inghad li:

*'...din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant seta jinstab hati skond it-tieni imputazzjoni, cioe` tar-reat ta' attakk u resistenza skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali. Dana l-*

[10] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru, 2002 (Appell Numru: 130/2002)

*artikolu jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l- Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz". Ghalkemm jista' jinghad li Bianco kien inkarigat minn servizz pubbliku, din il-Qorti ma tarax kif jista' jinghad li billi jiccekkja l-biljetti Bianco kien qed "jezegwixxi l-ligi" jew jezegwixxi "ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Mhux kull min qed iwettaq servizz pubbliku qed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi. Ghalhekk l-appellant ghandu jigi liberat mit-tieni imputazzjoni.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spettur C. Bartolo) kontra Lawrence Attard</u>**'[11] gie kkunsidrat li:

*'L-ewwel aggravju u l-aggravju principali tal- appellant jirrigwarda t-tieni imputazzjoni li tipotizza r-reat ta' attakk u resistenza kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali. Kif tajjeb jissotometti l-appellant, biex jissussisti dana r-reat irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia resistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku (f'dan il-kaz pulizija), izda wkoll li dana l- attakk jew resistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir fil-waqt li dik il-persuna <u>tkun</u> <u>tagixxi</u> <u>ghall-ezekuzzjoni</u> <u>tal-ligi</u> <u>jew</u> <u>ta'</u> <u>ordni</u> <u>moghti</u> <u>skond</u> <u>il-ligi</u> <u>mill-awtorita'</u> <u>kompetenti</u>. Meta ufficjal tal-pulizja jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jezegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal- pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi "ghall-ezekuzzjoni tal-ligi" fis-sens tal-Artiokolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens tal-Artikolu 95. Fil-kaz in dizamina jirrisulta li meta is-Surgent 497 Alfred Fabri u l-Kuntistabbli 1528 Darren Hammett marru fuq il-post tal-incident u sabu lill-appellant fis-sakra, is-surgent, li kien jaf lill-appellant, beda biex jipprova jikkalmah u jikkonvincieh biex imur maghhom (jigifieri mal-pulizija) biex iwassluh id-dar. Huwa veru, kif jghid l-istess Surgent fid-deposizzjoni tieghu, li dak il-hin huma kien qed izommu lill-appellant minn idejh,*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru, 1996 (Appell Numru: 265/95)

*izda ma jirrisultax li b'hekk huma kienu qed jarrestawh jew jippruvaw jarrestawh. Kien waqt li dawn iz-zewg ufficjali kienu hekk qeghdin ikellmu u jippruvaw jikkalmaw lill-appellant li dan ta daqqa b'minkbu lis-surgent (li wegga' ftit bid-daqqa) u l-istess appellant bil-mossa li ghamel u sforz is-sakra li kellu waqa' ma' l-art. Ghalhekk ma jistax jinghad li jiffigura r-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri) Vs Antoine Mifsud'**[12] gie kkunsidrat li:

*'Mill-banda l-ohra, kwantu ghar-reat aktar gravi imsemmi fit-tieni imputazzjoni ossija dak taht l-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tqis li l-imputat ghandu sostanzjalment ragun. Jirrizulta li meta sehh dan l-incident, il-Gwardjana Lokali Maria Mifsud kienet diga hadet id-decizjoni li tikkontravvenzjona lill-imputat u b'turija ta' dan wahlet it-ticket fuq il-windscreen tal-van tal-imputat. Il-Qorti tqis li fil-mument tal-ezekuzzjoni tad-doveri taghha hawn fuq imsemmija, G630 kienet qeghda tezercita setgha fil-vesti taghha ta' persuna inkarigata minn servizz pubbliku. Il-Qorti ssib ukoll li, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, hija giet attakkata bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, **izda** dan ma sehhx **fil-waqt** li kienet qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorità kompetenti. Dan peress li gie pruvat soddisfacentement li hija giet attakkata **wara** li hija kienet wetqet dak li kienet tenuta taghmel skont il-Ligi. Mix-xiehda ta' G630 stess jirrizulta li hija kienet diga wahlet it-ticket mal-windscreen tal-van tal-imputat, telqet u rikbet il-quadbike u bdiet issuqu meta giet imwaqfa mill-imputat u nqala l-incident bejniethom.*

*Din l-intepretazzjoni tal-konkomitanza bejn il-waqt ta' meta l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi **u** l-attakk jew rezistenza hija sorretta kemm mill-gurisprudenza kif ukoll mid-dottrina. Hekk per ezempju, minbarra dawk il-kazijiet imsemmija mill-abbli Avukat Difensur fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, din il-Qorti tikkwota wkoll mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz "***Il-Pulizija vs Lawrence Attard***" deciz mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent de Gaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996 fejn kien inghad li :*

*biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attakk jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-9 ta' Gunju, 2014 (Numru: 1103/2013)

*rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb **u jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi** jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompeteni. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jesegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija jkun qighed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixi "ghall-esekuzzjoni tal- ligi" fis sens ta' l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95. (enfazi mizjuda).*

*Fil-kaz prezenti l-Pulizija ghazlet li tipprocedi kontra Anthony sive Antoine Mifsud in bazi ghall-Artikolu 96 u mhux dak kontemplat fl-Artikolu 95.*

*Inoltre, fil-kaz "*Il-Pulizija vs Joseph Zahra*", deciz nhar id-9 ta' Settembru 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent de Gaetano intqal li :*

*Skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall- ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) - "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.*

*Oltre minn hekk l-istess interpretazzjoni dwar il-konkomitanza tidher li tinghata mid-dottrina. Minbarra dak imsemmi mill-Professur Mamo fin-Noti tieghu, hekk kif is-silta l-aktar rilevanti giet citata mill-abbli Avukat Difensur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, jirrizulta wkoll minn diversi awturi li din ir-rabta mal-waqt li jkun hemm l-ezekuzzjoni tal-ligi hija mehtiega. Hekk per ezempju fil-"**Commentario Teorico-Pratico del Codice Penale**", Torino, 1860, fol 361, il-**Farrarotti**,waqt li jikkommenta inter alia fuq id-disposizzjonijiet simili fil-Kodici Penali ta' diversi Stati Taljani, inkluz dak tar-Regno delle Due Sicilie (li kien jipprovdi ghar-reat ta' "ribellione" li fuqu l-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali Malti jidher modallat), jaghti s-segwenti ezempju : -*

*8. Giusta la generale disposizione di questo articolo, si verifica reato di ribellione tuttavolta venga commesso omicidio sulla persona di un carabiniere reale, **<u>nell'atto stesso ch'egli agisce per l'esecuzione delle leggi e degli ordini dell'autorita' pubblica e trovasi cosi' nell'attuale esercizio delle sue funzioni</u>** – Cass. 31 marzo 1857, ricorso Orsi ed altri – Bettini 1857, Parte 1, p. 318, seg." (Enfazi mizjuda).*

*Skont il-**Carrara**, fil-**Programma**, Parte Speciale, Volume 5, Lucca, 1868, f'pagni 357 u 358, paragrafi 2743 u 2744 jirrizulta car li dan ir-reat ta' "resistenza" – (li huwa jippreferi jsejjah minflok "ribellione" u dan fuq it-taghlim tal-Carmignani) li hija fil-bazi ta' dan ir-reat trid issir fil-konfront tal-ufficjali ezercenti awtorita pubblika u l-elementi materjali u formali iridu jigu riflessi l-ezercizju tal-azzjoni pozittiva ta' kommissjoni li turi "l'antagonismo di due forze che vicendevolmente tendono a conflittarsi" u cioe l-vires privat ma dak pubbliku. Din il-Qorti tifhem ghalhekk antagonizmu li allura jippresupponi konkomitanza fl- ezercizzju tieghu.*

*Ghal din ir-raguni il-Qorti jidrilha li l-agir tal-imputat kien dan li semmai jikkontesta l-fatt li l-gwardjana lokali ikkontravvenzjonatu aktar milli ried li jattakkaha jew jirrezistiha fil-mument li hija kienet sejra tikkontravvenzjonah. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tilqa' d- difiza sollevata mill-imputat fir-rigward tat-tieni imputazjoni.'*

Din il-Qorti tqis li mill-provi ma jistax jinghad li r-reat taht l-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jissusti f'dak li jirrigwarda l-agir tal-appellant fil-konfront ta' WCO14 Anna Brigniano, CO50 Jeremy Alamango u CO255 Paul Azzopardi stante li ghalkemm kien hemm dagha, kliem dispreggattiv u anke theddid dawn qatt ma jistghu iwaslu ghal htija taht l-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lanqas ma tista tinstab htija taht l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-imputat ma giex akkuzat b'dan ir-reat. Ghalkemm fir-rapport tal-Pulizija hemm imnizzel li CO26 Roderick spjega li John laqat lil CO255 Paul Azzopardi, dan ma jirrizultax mix-xhieda tal-istess Paul Azzopardi.

L-istess ma jistax jinghad dwar CO31 Patrick Caruana stazzjonat l-SRT li wara li gie mghajjat biex jinzel jikkalma s-sitwazzjoni, huwa beda jiprova jikkalma lil imputat biex jikkopera maghhom u johrog 'l barra mid-'debituri', izda l-imputat baqa' jirrezisti li ma johrogx tant li anke beda jaghti daqqiet bis-sieq li kellhom jaghmlu l-manetti u anke jesskortawh lejn l-Ghassa ta' Rahal Gdid. Meta dan ix-xhud gie

mistoqsi '*x'hin kont fejn id-debituri, lejk, is-Sur Bartolo, irreferi li jagħmllek xi ħaġa jew waqt li kien ħa jiġi arrestat, għamel xi reżistenza speċifika?*' wiegeb li '*Beda joffri reżistenza li ma jridx joħroġ 'il barra mid-debituri. U joffendina u ma jikkoopera magħna li joħroġ.*' Mistoqsi jekk gab ruhu billi uza vjolenza fizika fil-konfront tieghu, wiegeb li beda jofri l-forza biex ma johrog, jimbotta, jissara u anke beda jaghti bis-sieq. Dan waqt li kien mizmum biex ma jkomplux johorguh 'l barra. Spjega li anke x'hin gew jaghmlulu l-manetti kompla joffri, jaghti bis-sieq. Meta mistoqsi mill-Qorti '*f'xi mument imma lilek jew lill-kollega tiegħek attakkakom? Attakkakom, jiġifieri għamel għalikom waqt li hu kien għadu ħieles, mhux miżmum?*' wiegeb '*Beda jgħajjat u jipprova b'idejh, ma mess lil ħadd jiġifieri.*'

Ghalhekk gie stabbilit li meta kien ghadu mhux mizmum ma messhomx izda meta illokjawh biex johorguh il barra l-imputat beda jissara. CO 355 Paul Azzopardi fix-xhieda tieghu kkonferma li l-imputat laqghat lil CO 31 SRT waqt li kien qed jixxutja u cioe' laqtu b'saqajh. CO 50 Jeremy Alamango jispjega li meta daruh l-SRT, l-imputat '*beda jaqbad saqajh 'il hawn, beda jgħolli saqajh u jagħti kif ġie ġie.*' Ghalhekk fil-konfront ta' CO31 Patrick Caruana da parti tal-imputat kien hemm l-attakk u anke r-resistenza, ma hemmx dubju li CO31 Patrick Caruana stazzjonat l-SRT huwa persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' huwa ufficjal pubbliku. Kif ikkunsidrat fis-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti fl-ismijiet '**The Police Inspector Priscilla Caruana Lee Vs Joseph Feliazoo'**[13]:

'*From the acts of the proceedings it clearly and beyond reasonable doubt results that the appellant's resisted by violence and active force the two correctional officers CO 65 Dennis Thornton and CO 177 Matthew Cilia. Although the correctional officers are not police officers they as has been considered earlier on in this judgment are certainly persons lawfully charged with a public duty when in the execution of the law or of a lawful order issuded by a competent authority. Their functions, powers and duties are by law as vested in an officer of the Malta Police Force in terms of article 11(2) of Chapter 260 of the Laws of Malta. It has been proven that the appellant was obstructing the execution of a lawful order, in that he was objecting to be sent to the detention centre and was objecting to go in the detention services van. In this sense, it results that the agression took place when the two correctional officers were trying to execute the orders given by Inspector Buhgiar to have the accused sent to the*

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Mejju, 2019 (Appell Numru: 44/2019)

*detention centre. It is also clear that the appellant was well aware of who the officials where, meaning that the person who was giving the order was Inspector Darren Buhagiar and who the two Correctional Officers were.'*

In oltre' l-attakk u r-residenza kontrih saret waqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi u cioe' wara li huwa gie msejjah biex imur jikkalma s-sitwazzjoni u meta hu flimkien ma ufficjali ohra bdew jipruvaw johorgu lill-imputat il-barra, fejn l-imputat offra l-forza, beda jimbotta u jissara biex ma johrogx u anke beda jaghti bis-sieq waqt li kien mizmum minn idejh. Ghalhekk jirrizulta li huwa rrezista bi vjolenza meta xejjer daqqiet ta' sieq waqt li l-ufficjali pubblici kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi u cioe' biex johorgu lil imputat il' barra mill-binja. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant fejn fl-appell tieghu jaghti x'jifhem li sabiex jissustixxi dan ir-reat jehtieg li persuna tkun qabel ma tkun waslet fuq il-post gia bl-intiza u cioe' bil-hsieb sabiex tattakka u toffendi lil ufficjal tal-habs. Ma hemm bzonn lejn premeditazzjoni sabiex jissustiti dan ir-reat, huwa bizzejjed li persuna f'dak il-mument tattakka jew tirrezisti billi thebb jew bil-vjolenza kontra ufficjal pubbliku waqt li jkun qieghed jezegwixi ordni skont il-ligi jew ordni mahruga minn awtorita'. L-appellant bhal donnu jrid jallega li agixxa kif agixxa ghax thalla jistenna u ghax allegatament ufficjali qalulu li t-tfal sejrin jittiehdu l-Agenzija Appogg, din il-Qorti mhux biss tqis li ma giex ippruvat li ntqal dan il-kliem dwar it-tfal izda in oltre' lanqas jirrizulta li l-appellant agixxa kif agixxa wara li allegatament intqal lilu li t-tfal ser jittiehdu l-Agenzija Appogg, haga li ma gratx tant li t-tfal ssusegwentement ittiehdu d-dar mill-Ispettur Camilleri kif jixhed l-imputat stess. L-appellant jaghmel ukoll allegazzjonijiet dwar il-mod ta' kif qabduh l-ufficjali, tant li gie anke rilaxxat certifikat mediku dwar griehi sofferti minnu. Din il-Qorti tqis li mhux biss ma ngabux provi li jikkonfermaw li l-ufficjali agixxew b'tali mod li marru oltre l-forza legittima izda in oltre' din il-Qorti ma ghandhiex quddiemha imputazzjonijiet migjuba kontra l-ufficjali.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni limitatament fil-konfront ta' CO 31 Patrick Caruana izda tirrevoka fejn *ai termini* tal-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta instabet htija li ghamel rezistenza bi vjolenza jew li hebb kontra WCO 14 Anna Brigniano, CO50 Jeremy Alamango u CO255 Paul Azzopardi.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat taqra:

'*Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunajt feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' CO 31 Patrick Cruana hekk kif iccertifikat minn Dr. Jessica Schembri higgens MD id: 6012 tac-centru tas-sahha ta' Rahal l-Gdid;*'

Illi t-tabib Dottoressa Jessica Schembri Higgans fis-seduta tat- 28 ta' Novembru 2018 ikkonfermat li rrilaxxat certifikat fit- 28 ta' Ottubru meta rat lil Patrick Caruana li '*kellu grif żghar fuq idejh it-tnejn mill-minkeb 'il isfel, sia lemin u sia xellug u ma kellu bżonn l-ebda trattament, la antibiotics u lanqas injections tat-tentu.*' Skont ic-certifikat mediku a fol 28, in-natura tal-griehi kienu '*Slight, of simple consequence*'. CO 31 Patrcik Caruana fix-xhieda tieghu spjega li mar il-klinika ta' Rahal Gdid biex jaghmel certifikat minhabba daqqiet li kellu f'idejh. Filwaqt li fir-rapport tal-Pulizija tnizzel li Patrick Caruana stqarr li '*gie msejah sabiex jikkalma is-sitwazzjoni msemmija gewwa id-debituri, fejn mal-wasla dan zamm il-John Bartolo, sabiex itellghu l-ghassa u qal li Bartolo kien weggu u gheddhu li jisparalu.*' Ghalhekk korrettament l-Ewwel Qorti sabet htija tat-tieni (2) imputazzjoni.

Illi t-tielet imputazzjoni taqra li '*Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi għidt fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti li joffendi l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;*'

Jirrizulta li l-imputat dagha, u qal kliem oxxen fil-konfront ta' WCO14 Anna Brignano u lil CO 31 Patrick Caruana u ghalhekk korrettament l-Ewwel Qorti sabet htija ta' din l-imputazzjoni. Filfatt l-imputat fix-xhieda tieghu stess jistqar li 'qaltli *"Isma Bartolo jekk żbalja l-uffiċjal, żbalja t-tifel tiegħek ukoll għax ma ffirmax." Hemmhekk ħarqitni lili. Dak il-ħin għedtilha, "F'kemm għandek! Jekk hu ma kitbux kif tridu jiffirmah it-tifel?" Qaltli "Tista' titlaq 'il barra minn hawnhekk." Irrabjajt jien u għamilt waħda hekk fuq il-dan u għedtilha "Mhux se nitlaq 'il barra qabel ma taqbdu lill-uffiċjal."..*' Dan certament ma kienx kliem li kellu jinghad, emozzjonat kemm kien emozzjonat l-appellant. Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni ukoll giet sufficentement ippruvata.

Illi r-raba' imputazzjoni taqra' li '*volontarjament ksirt il-paci pubblika u/jew l-bon ordni b'ghajjat u/jew glied;*'.

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Żammit) vs Vincent Sacco'** [14]:

'*Kwantu għar-reati kontravvenzjonali imsemmi fit-tielet imputazzjoni u ċjoe dik kontemplata fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, din il- Qorti tqis li mill-provi prodotti l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx sal-grad rikjest mill-Liġi l-elementi tar-reat de quo. Iċ-ċirkostanzi li fihom jista' jew ma jistax jiġi integrat ir-reat tal-ksur tal-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ġew illustrati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad- 19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġna 441):*

*L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir- reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil. L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Charles Micallef) kontra Alfred Pisani**[15]gie kkunsidrat:

'*Kwantu ghall-paragrafu (dd), skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, dan ir-reat javvera ruhhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza kien jissejah "a breach of the peace". Kif gie spjegat fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Gunju, 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Paul Busuttil, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) tal-Art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu*

---

[14] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-2 ta' Frar, 2015

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Mejju, 1995.

*jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil...'*

Ghalhekk biex jissusisti dan ir-reat jehtieg li mhux biss ikun hemm ghajjat u storbju izda johloq f'dak li jkun biza li tkun ser tintuza vjolenza ghall-inkoluminita' fiziku tieghu jew tal-proprjeta' tieghu. CO50 Jeremy Alamango fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2018 spjega li '*ippuntajt subgħajja lejh. Qalli, "tippuntax subgħajk lejja!" ġie jiġri biċ-ċavetta f'idu tal-karozza, qalli, "għax indaħħalhielek f'għajnejk!" Dak il-ħin biex ma jiġri xejn ersaqt iktar lejh jiena ħalli jekk jipprova jdaħħalhieli għall-inqas ma jdaħħalhilix f'għajnejja. Jekk m'iinhix sejjer żball dak il-ħin it-255 CO, ġibdu u qallu, "isma', l-affarijiet mhux hekk!" U kompla jidgħi u jgħajjat u jsabbat.*' L-imputat fix-xhieda tieghu jghid li "*Għedtlu "Ara ma tmiss idejk ma' wiċċi għax gaħndi ċ-ċavetta ġ'idejja u ndaħħahielek f'għajnek.*" (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti).

Din il-Qorti tqis li ghalkemm CO 50 Jeremy Alamango fix-xhieda tieghu ma spjegax fi kliemu li beza li se ssir hsara fizika lilu jew lil proprjeta tieghu, din il-Qorti tqis il-kliem '*Dak il-ħin biex ma jiġri xejn ersaqt iktar lejh jiena ħalli jekk jipprova jdaħħalhieli għall-inqas ma jdaħalhilix f'għajnejja*' bhala konferma li la darba dan ix-xhud ha azzjoni u cioe' resaq aktar vicin tal-imputat sabiex jevita li jdahhalu c-cavetta f'ghajnejh bhala rizultat ta' biza li se tintuza vjolenza kontra tieghu. Din l-akkuza ghalhekk giet ippruvata sufficentement ukoll.

Ikkunsidrat;

Illi l-hames (5) imputazzjoni taqra li '*Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma ghobdejtx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallejtx jew fixkilt waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor*'.

Ma hemmx dubju li l-imputat naqas milli jobdi lill ufficjali tant li ma riedx johrog il-barra, kellhom jissejhu ufficjali tal-SRT u baqa jirrezisti sakemm spicca anke gie mmanettjat u ttiehed l-ghassa tal-Pulizija. Ma hemmx dubju li l-appellant kien jaf li dawn kienu ufficjali u in oltre' rrizulta ukoll li huwa ma obdix l-ordnijiet taghhom u cioe' biex johrog il-barra. Ghalhekk l-Ewwel Qorti korrettament sabet htija ta' din l-imputazzjoni ukoll.

Ikkunsidrat;

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-Ewwel Qorti immmultat lill-imputat ghal multa komplessiva ta' erbat elef u mitt Ewro (€4,100) u disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal tmintax-il xahar. Ordnat ukoll il-hrug ta' ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-erba' (4) ufficjali msemmija fic-citazzjoni. Din il-Qorti tqis li din il-piena hija vicin il-minimu li tistabilixxi l-ligi u ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghala ghandha tvarjaha minkejja li f'dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni qieghda tigi kkonfermat htija li l-imputat attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb ta' xorta li ma tiqiex vjolenza pubblika kontra CO 31 Patrick Caruana izda mhux fil-konfront ta' WCO 14 Anna Brigniano, CO50 Jeremy Alamango u CO255 Paul Azzopardi.

Fl-ewwel lok il-fedina penali tal-appellant lanqas hija wahda netta. Din il-Qorti ma tistax ma tissottolineax li minkejja li s-sitwazzjoni li kien fiha l-imputat kienet wahda emozzjonali fis-sens li ried jaghti l-ikel lil ibnu mizmum fil-facilita' korrettiva ta' kordin u ma stenniex li mhux ser jithallas, kien hemm mod u mod ta' kif igib ruhu u kellu jobdi l-ordinijiet legittimi moghtija lilu.

Din il-Qorti temfasizza li l-ordnijiet moghtija minn ufficjali pubblici qeghdin hemm biex jigu obduti u f'kaz li dak li jkun ma jkunx jaqbel mal-ordni moghtija jew inkella jkun urtat bis-sitwazzjoni kkreata u cioe' f'dan il-kaz li l-ikel ma thallix jiddahhal fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, l-imputat setgha ha azzjonijiet fil-parametri tal-ligi wara li dan sehh sabiex jassigura li dawn ma jergax jigri u/jew li jigi investigat dak li wassal ghal din is-sitwazzjoni. Il-vjolenza ma ghandek l-ebda post f'socjeta' civili u hija kkundannabli f'kull sitwazzjoni.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti ma sabitx htija tas-sitt imputazzjoni u tar-recediva kif ukoll fejn sabet htija tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) imputazzjoni u tal-hames (5) imputazzjoni izda f'dak li jirrigwarda l-ewwel (1) imputazzjoni tikkonferma htija ta' din l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat rigwardanti biss CO 31 Patrick Caruana izda tirrevoka fejn sabet htija tal-imputat tal-ewwel (1) imputazzjoni fir-rigward ta' WCO 14 Anna Brigniano, CO 50 Jeremy Almango u CO255 Paul Azzopardi. Din il-Qorti tikkonferma l-piena imposta u cioe' fejn il-Qorti ikkundannat lill-appellant ghal

multa ta' erbat'elef u mitt ewro (€4100) u ghal disa' (9) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ordnat li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tmintax (18)-il xahar, l-imputat jikkometti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Dan il-perjodu jibda' ghaddej mil-lum.

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Lgijiet ta' Malta, din il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car u li jinftiehem ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkomm etti, matul il-perjodu operrativ ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta prigunerija. Din il-Qorti fisret lill l-imputat l-import u l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza fi kliem car u li jinftiehem.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni ukoll *ai termini* tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni kontra l-hati a favur ta' WCO 14 Anna Brigniano, CO 50 Jeremy Alamango, CO 255 Paul Azzopardi u CO 31 Patrick Caruana ghall-perjodu ta' tlett (3) snin u tordna komunika lil Kummissarju tal-Pulizija ta' din l-ordni. Dan il-perjodu jibda ghaddej mil-lum.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur